ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 04** **IT-TLIETA 1 TA' LULJU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, u Antoine Saliba Haig flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Marvin Zammit infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li se jkun imsiefer fuq xogħol.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raġuni bħala validi u għalhekk il-Kunsillier Marvin Zammit ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**04/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 03**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 03 li nżammet nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq korrezzjonijiet fejn il-Kunsill approva dan li ġej:

**03/02/01** flok il-kelma "*iffastidjat*" ġiet taqra "*urtat*"
**03/02/01** wara l-kliem *"Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ..."* jiżdied "... *qal li huwa jaqbel li Jum Ħal Qormi għandu jkun organizzat esklussivament mill-Kunsill Lokali, filwaqt li...*"

**Il-Kunsillier Joseph Aquilina issekonda l-mozzjoni bil-korrezzjonijiet msemmija.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 03 ġew approvati bil-korrezzjonijiet imsemmjia** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**04/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**04/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill kien kiteb lill-Għaqda Awturi Qriema iżda bqajna bla risposta. Il-Kunsill iddeċieda biex jikteb lill-istess għaqda fejn juri d-diżappunt li l-Kunsill qed jiġi injorat u li fin-nuqqas ta' risposta l-Kunsill ma kienx ħa jibqa' jirrikonoxxi lil din l-għaqda.

**04/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll, li ħassitha urtata kif f'attivita' mis-Soċjeta' Filarmonika Pinto minħabba l-fatt li l-Kunsill ingħata l-ġenb u ma ġiex rikonoxxut għall-għajnuna li ta fil-pubblikazzjoni tal-ktieb li ġie ppreżentat f'din l-attivita'. Il-Kunsilliera li kienu preżenti għal din l-attivita' qablu mas-Sindku fejn dakinhar il-Kunsill ma ingħatax ir-rikonnoxximent approprjat. Għaldaqstant il-Kunsill qabel biex jikteb lill-istess għaqda sabiex jieħdu azzjoni u ssir preżentazzjoni xierqa.

**04/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** u lil Kunsillier Renald Falzon bħala rappreżentant tal-Kunsill fir-Reġjun Nofsinhar sabiex jispjegaw l-inizjattiva tar-Reġjun fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Premju Aċċessibilita A+. **Il-Viċi-Sindku** spjega li r-Reġjun Nofsinhar se jkun qed japplika f'isem il-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħtu u li jkunu interessati sabiex isiru proġetti għal persuni b'diżabilita. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jipparteċipa billi alloka €15,000 li għandhom jinkludi xoghlijiet infrastrutturali f'bankini ta' postijiet pubblici bhal skejjel, libreriji etc kif ukoll servizzi oħrajn għal ġid tal-persuni b'diżabilita' fil-lokalita'. **Il-Viċi-Sindku** spjega li €10,000 minnhom se jkunu qed jingħataw mir-Reġjun bħala parti mill-flus li se jagħti r-Reġjun taħt l-iskema ta' proġetti għall-persuni b'diżabilita.

**04/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur li rebaħ l-offerta għall-Kiri tal-Gabbana fi Vjal de La Cruz għadu ma resaqx għall-iffirmar tal-ftehim minkejja li ingħata ħafna ċans b'ittri reġistrati. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jingħata l-aħħar ċans sal-10 ta' Ġunju fejn jekk jonqos

milli jiffirma l-kuntrattu u jħallas l-ewwel kirja, il-Kunsill jeħodha li l-offerta ġiet abbandunata u tinħareġ offerta mill-ġdid. Intant, il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina talab permess li jekk fl-eventwalita' il-gabbana ma tkunx inkriet sal-festa ta' San Sebasjtan, jinħareġ permess lill-Għaqda tan-Nar San Sebasjtan għall-użu tal-ispazju quddiem l-istess gabbana biex ikunu jistgħu jagħmlu bejgħ ta' xorb u ikel. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**04/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** gibdet l-attenzjoni dwar gabbana li tpoggiet fi Triq il-Wied fil-gurnata tal-Ġimgħa ta' qabel il-festa ta' San Ġorġ, fejn wara rapporti li saru mill-Kunsill lill-Pulizija dawn damu erba' sigħat biex ħadu azzjoni. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet li f'telefonata li kien hemm bejn l-istaff tal-Kunsill u l-Għassa tal-Pulizija instema' kliem offensiv min-naħa tal-Pulizija fil-konfront tagħha u tal-Kunsill. Għaldaqstant hija infurmat lill-Kunsill li talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ssir investigazzjoni u jittieħdu passi. Intant, il-Kunsill iddeċieda biex fil-festa ta' San Ġorg, il-gabbani li jkun hemm fi Triq il-Wied jkunu jistgħu jarmaw filgħaxija fejn it-triq għandha tingħalaq.

**04/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin għandha toħroġ is-sejħa tal-offerti għal servizzi ta' Contract Manager.

## 04/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2015
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2015
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**04/04** **MOZZJONIJIET**

**04/04/01** **MOZZJONI – 08-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Kunsillier Ralph Puli iressaq il-mozzjoni nru 08-2015:

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri ħajja ta' serħan il-moħħ lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi;*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal Qormi jintużaw b'mod sigur kif jixraq miċ-ċittadini onesti;*

*U billi llum jeżisti periklu reali għal min jużа Triq il-Wied,*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Iżid il-pressjoni u ~~jagħmel ċert~~ fuq talba li saret mill-Kusill preċedenti jinforma lil Transport Malta li għandu jitnaqqas il–periklu kbir li jeżisti llum fi Triq il-Wied billi issir l-installazzjoni ta' "speed camera" biex jiġi evitat il-periklu kontinwu li jeżisti llum f'din it-triq.*

**Wara diskussjoni il-Kunsillier Ralph Puli emenda l-mozzjoni kif inidikat bl-aħmar hawn fuq.**

**Il- Kunsillier Robert Cremona** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar-il Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 08-2015(VII) kif emendata** u għaldaqstant għandu jgħaddi t-talba mill-ġdid lir-Reġjun Nofsinhar u jikteb lil Transport Malta kif deċiż fil-mozzjoni.

**04/04/02** **MOZZJONI – 09-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lil Ralph Puli iressaq il-mozzjoni nru 09-2015(VII):

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita ta' ħajja aħjar lill familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal Qormi ikunu siguri*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Jieħu l-passi neċessarji biex isiru miżuri ta' sigurta fi Triq San Guzepp anke permezz ta' 'sleeping policeman' speċjalment bil-ftuħ ta' Akademja Mużikali.*

**Peress li l-Kunsill għandu policy fuq road humps u diġa beda l-proċess biex din issir, il-Kunsillier Ralph Puli irtira l-mozzjoni għax ma fadalx ħtieġa ta' deċiżjoni**.

**04/04/03 MOZZJONI – 10-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiedent lill-Kunsilier Robert Cremona sabiex iressaq il-mozzjoni nru 10-2015 (VII):

*Sabiex nimxu mal-istess linji tal-Parlament li qed jaħdem fuq preżenza akbar fis-social media;*

*Sabiex nibnu image għall-Kunsill fuq is-social media l-istess kif għandhom Kunsilli Lokali oħrajn;*

*U bil-għan li noħolqu aktar kuntatti anke barra minn Malta u nibnu image internazzjonali;*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali joħloq paġna uffiċjali fuq Facebook ħalli jimxi id f'id mal-ispirtu ta' dak li jikkonstitwixxi l-Kunsilli, li għandhom ikunu dejjem viċin in-nies u għas-servizz tan-nies.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda

Fid-diskussjoni **il-Kunsillier Robert Cremona** spjega li f'dinja fejn in-network soċjali sar għodda importanti fil-komunikazzjoni mal-pubbliku, il-Kunsill għandu jkollu paġna facebook fejn għandu jkun hemm working group li jieħdu ħsiebha sabiex ma jintefax piż fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill u li dan isir b'sitt xhur prova. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li biex tamministra facebook ikollok bżonn persuna 24x7 magħha għaliex jistgħu isiru kummenti f'kull ħin tal-ġurnata u fejn ma tarax il-ħtieġa tagħha peress li r-residenti qed jiġu milħuqa xorta bil-paġni tal-kunsilliera nfushom. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li meta l-facebook ikollu l-faċilita' li jkun noticeboard BISS, hija tkun favur li din il-paġna tal-Kunsill issir.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Erbgħa (4) vvutaw favur, Sitta (6) vvutaw kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Għaldaqstant il-mozzjoni 10-2015(VII) ma ġietx approvata**. Madanakollu l-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** fakkar li l-Kunsill kellu

jagħmel il-website tal-Kunsill aktar attraenti. Il-Kunsill iddeċieda sabiex fuq proposta **tal-Kunsillier Bjorn Azzopardi**, il-Kunsill jara jekk l-Institute of Arts & Design tal-MCAST ikunux interessati li din il-websajt issir mill-istudenti tagħhom u fin-nuqqas ta' risposta pożittiva, l-Kunsill jipproċedi b'pubblikazzjoni ta' sejħa ta' kwotazzjonijiet.

**04/04/04 MOZZJONI – 11-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lil Viċi-Sindku Jesmond Aquilina iressaq il-mozzjoni nru 11-2015(VII):

*Nipproponi li fit-27 u 28 ta' Ġunju, u fil-18 u 19 ta' Lulju, il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar, b'dawn il-ħinijieti;*

*Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m.*

*L-ispiża għal dan is-servizz hija ta' € 620.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** issekondat.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 11-2015 (VII).

**04/05 RAPPORTI**

**04/05/01 APPROVAZZJONI TA' KWOTAZZJONIJIET: SERVIZZ TA' *TUTORS* GĦALL-KORSIJIET**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jippreżenta l-iskeda ta' kwotazzjonijiet li daħlu sad-data tal-għeluq għall-servizz ta' tutors għal numru ta' korsijiet. Peress li għal kull kors kien hemm offerta waħda u s-somma għal kull kors hija ekwivalenti jew inqas mis-somma tal-kuntratt preżenti, l-Kunsill iddeċieda unanimament li jipproċedi bis-servizz ta' dawn it-*tutors.*

**DOK 'B'**

**04/05/02 ABBOZZ TAS-SEJĦA GĦALL-PROVVEDIMENT TA' SERVIZZI SPORTIVI MINN NURSERIES SPORTIVI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz ta' din is-sejħa fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-abbozz baqa' l-istess kif kien il-kuntratt preċedenti.

Il-Kunsill approva unanimament dan l-abbozz u għaldaqstant għandha toħroġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-provvediment ta' servizzi sportivi minn nurseries sportivi.

**DOK 'C'**

**04/06 KORRISPONDENZA**

**04/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-4'**

1. Dwar talba għall-permess biex issir attivita' fi Ġnien l-Armier, il-Kunsill approva li jingħata l-permess bil-kundizzjonijiet tas-soltu u bir-rati applikabbli skont l-Avviż Legali 119 tal-2002. Madanakollu, l-Kunsill irrimarka li fil-bye-law li l-Kunsill qed jipprepara dwar permessi t'attivitajiet fil-pjazza ta' quddiem tal-Ħlas, għandu jinkludi lil dan il-ġnien ukoll.

2. Dwar ittra mill-Għaqda Muzikali San Ġorġ Martri, fejn talbu meta se jiġi ffirmat il-kuntratt bejn il-baned partikolarment minħabba li huma l-ewwel banda li tkun trid tagħmel il-kunċert u minħabba li s-sena diġa għaddiet nofsha ma jifdalx żmien ta' preparazzjoni biżżejjed biex jorganizzaw kunċert, il-Kunsill għandu jwieġeb li se jikkuntattja lill-għaqdiet fil-ġranet li ġejjin u li l-punt validu tagħhom se jiġi kkunsidrat.

3. Dwar il-korrispondenza mibgħuta biex il-bust ta' Bertu Hyzler jiċċaqlaq u jmur f'post aktar prominenti, il-Kunsill huwa infurmat li dan mhux possibli peress li l-istruttura ma tippermettix mingħajr ma ssir ħsara u anke minħabba raġunijiet ta' spejjeż li fil-mument il-Kunsill ma jiflaħx għalihom.

4. Dwar kwotazzjoni biex isir il-manutenzjoni tal-istatwa ta' San Ġorg bil-prezz ta' Eur1100, il-Kunsill approva l-ispiża.

**04/07 INFORMAZZJONI**

**04/07/01** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** se jattendi għall-Konferenza Stampa dwar l-*Animal Welfare.*

**04/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar xogħol ta' trinka fi Triq l-Għana li għadha kif ingħatat it-tarmak u li tħalliet miftuħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kiteb lill-Transport Malta li ħarġet il-permess biex isir ix-xogħol sabiex ix-xoghol ta' reinstatement isir hot asphalt minn bankina sa bankina.

**04/07/03** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar tpoġġija ta' *containers* mingħajr permess u li dawn meta jitpoġġew fit-triq jagħmlu ħsarat lit-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kumpanija li kienet qed tabbuża ġiet imħarrka mill-Pulizija u minn dak inhar qed jiġu jagħmlu permess għal tpoġġija ta' *containers* fejn fil-kundizzjonijiet għandhom li jridu jpoggu injam biex ma jagħmlux ħsara lill-wiċċ it-triq/bankina.

**04/07/04** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jieħu ħsieb biex fix-xahar ta' Awwissu jitnaddfu l-culverts bħas-sena preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntrattur se jiġu infurmati fejn skont il-kuntratt dawn iridu jkunu saru sal-31 t'Awwissu.

**04/07/05** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar gandott li hemm fi Triq in-Nassab u jeħtieġ li jiġi asfaltat. Huwa fakkar fix-xogħol ta' patching li jrid isir fi Triq id-Drama. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bħalissa l-Kunsill għandu l-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-offerta ta' resurfacing u patching għaddejja u malli din tkun kompluta, l-kuntrattut magħżul ħa jiġi nfurmat mill-ewwel.

**04/07/06** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jħejji pjan billi Triq il-Kanun tiġi asfaltata f'fażijiet fuq numru ta' snin minħabba l-implikazzjonijiet finanzjarji u dan peress li din it-triq tinsab fi stat diżastruż u hija waħda mit-toroq ewlenin tal-lokalita'. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li se titlob l-assistenza tal-Gvern Ċentrali dwar din it-triq.

**04/07/07** **Il-Kunsillier Robert Cremona** ġibed l-attenzjoni dwar l-istat tas-subway li hemm fi Triq tal-Bajjada peress li jidher li hemm periklu fis-saqaf. Il-Kunsill se jgħaddi din l-osservazzjoni lil Transport Malta li hija responsabbli minn din is-subway.

**04/07/08** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni dwar abbuzi ta' ħruġ ta' skart mhux fil-ħinijiet permessibli u abbuzi oħrajn relatati mal-iskart fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill se jkun qed jitlob servizz ta' Eco Wardens lir-Reġjun Nofsinhar dwar din il-problema.

**04/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:45 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2015.